# KUNSILL LOKALI MARSA

**Tmien Legislatura**

*Minuti tad-dsatax-il laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 2 ta' Novembru 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Vici-Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier s-Sur Frank Zammit huwa assenti minħabba impenji ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier Frank Zammit ikun skużat.

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-tmintax-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 19 t'Otttubru 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irringrazzja lill-Kunsilliera kollha, lill-ex Agent Segretarju Eżekuttiv u lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol kollu li sar sabiex iż-żjara tal-Membri tal-Assoċjazzjoni ta' Bridgwater f'Malta tkun suċċess. Huwa rrimarka li l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill intlaqgħu tajjeb ferm mill-Membri tal-Assoċjazzjoni ta' Bridgwater u rringrazzja

b'mod speċjali lill-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer tas-sehem tiegħu biex l-attivitajiet ppjanati setgħu jsiru.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill, li l-Assocjazzjoni ta' Brigdwater, b'inizjattiva tagħhom iddeċidew li jagħmlu donazzjoni bil-għan li dawn jinghataw bi skop filantropiku mill-Kunsill Lokali tal-Marsa. L-ammont li dawn ġabru kien ta' €120 u li dawn għandhom jingħataw lill-Fondazzjoni Marigold, sabiex ikomplu jsaħħu l-ġid li qed jsir fil-komunita' tal-Marsa u fil-ħidma tagħhom biex titlesta il-binja tal-Fondazzjoni taħt il-bini tal-Kunsill Lokali.

## 4. <u>*Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mid-19 ta' Ottubru 2016 sat-03 ta' Novembru 2016*</u>

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar li l-kumpanija Weee Malta qed toffri li titpoġġa trolley fil-bini tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jinġabru oġġetti elettroniċi li huma zgħar bħal laptops u toasters. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ppublikat dokument bit-tema '*Prevenzjoni tal-Kriminalita' – Ħarsien Aħjar għall-Komunita*". L-Assoċjazzjoni tissuġġerixxi li l-Kunsilliera għandhom jaqraw id-dokument sabiex ikunu jistgħu jagħtu r-reazzjonijiet tagħhom sa mhux aktar tard min nhar il-Gimgħa 25 ta' Novembru 2016. Is-Segretarju Ezekuttiv ser jqassam dan id-dokument lill-Membri kollha tal-Kunsill.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa li harġet Ċirkulari (Numru 35/2016) mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bit-titlu '*Inizjattiva Finanzjarja Stronger Communities: Literary Projects at Local Council level'* u li fiha hemm il-linja gwida. Il-Kunsill Lokali Marsa ser japplika għall-din l-inizjattiva bil-għan li tinħoloq librerija diġitali dwar l-istorja tal-Marsa. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar li l-MCCF President's Solidarity Fun Run ser issir nhar il-Ħadd 6 ta' Novembru fl-10 ta' filgħodu u li ser titlaq mir-Rabat u tibda quddiem Misraħ Paola fl-Universita' Ta' Malta u St Venera.

## 5. <u>*Schedule of Payments 11/16*</u>

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order 4297 - 4318*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4297 sa 4318 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 3271 - 3292*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3271 sa 3292 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Proġett ta' Bandli għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li qed jinħass il-bżonn li jkun hemm ġnien li jkun addattat għal persuni bi bżonnijiet speċjali u li dan il-ġnien għandu jsir fiż-żona ta' bejn Attard & Co. u l-vaska. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spenser qal madanakollu li l-ġnien għal persuni bi bżonnijiet speċjali m'għandux ikun maqtuh mill-kumplament tal-ġnien u li b'hekk għandu jkun integrat fi proġett sħiħ għar-rijabilitazzjoni tal-ġnien kollu. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

8.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li din iz-zona hija idejali għaliex ser tkun issolveljata mill-kameras u għalhekk ser jinqataw l-abbuzi. Kien hawn li reġa' qam il-punt dwar is-sigurta'tal-post, speċjalment dwar tipi ta' bye laws li jirregolaw ix-xorb alkoholiku f'żoni pubbliċi. L-ex Agent Segretarju s-Sur Kenneth Brincat, li kien prezenti għal din il-laqgha, qal li jista jibgħat lill-Membri tal-Kunsill u lis-Segretarju Ezekuttiv 'draft' ta' bye laws li jirregolaw ix-xorb alkoholiku f'positijiet pubbliċi.

8.3 Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandhom jinġabru l-istimi tal-proġett mill-perit u l-affarijiet tal-logħob li joqgħodu fihom.

## 9. *Xogħol ta' Tarmak fi Triq Dr Guseppi Zammit, Albertown*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssuġġerixxa sabiex dan ix-xoghol ta' tarmak jiġi inkluż fil-budget tas-sena d-dieħla, jiġifieri dak ta' Jannar 2017.

9.2 Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku, u ġie sskondat mill-Kunsillier Domenic Spencer.

## 10. *Xogħol ta' Tarmak f'Parti mit-Telgħa ta' Triq is-Salib tal-Marsa*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssuġġerixxa sabiex dan ix-xoghol ta' tarmak jiġi inkluz fil-budget tas-sena d-dieħla f' Jannar 2017.

10.2 Il-Kunsillier Domenic Spencer issekonda hekk kif il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tas-Sindku.

## 11. *Financial Quarterly Report : Lulju – Settembru 2016*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv jressaq il-Financial Quarterly Report għall-pejodu bejn Lulju u Settembru 2016.

11.2 L-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li r-Rapport jinkludi l-ispejjeż u dħul fil-perjodu msemmi fejn jinnota b'sodisfazzjon li l-Kunsill nefaq inqas minn dak stmat filwaqt li daħħal aktar minn dak stmat. Dan iħalli bilanċ pożittiv aktar minn dak imbassar fl-Estimi Annwali. Il-Vici Sindku s-Sur Josef Azzopardi issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 12. *Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li għadha tippersisti l-problema tal-wardens u li din mhix biss problema ta' din il-lokalita' biss izda wahda nazzjonali. Din fi tweġiba għall-mistoqsija tal-Vici Sindku s-Sur Josef Azzopardi dwar infurzar biex karozzi ma jibqawx jipparkajaw quddiem is-Sunshine Bar, fejn il-Kunsill kien għamel ħadida biex dawn ma jipparkjawx.

12.2 Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer qal li l-problema tal-pellets fil-kantuniera ta' Fra Diegu ma Triq is-Sajjieda ssolviet, iżda kompliet tippersisti l-problema taż-żibel. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li f'dan ir-rigward sar titjip iżda l-problema ta' infurzar għadhu jippersisti u ser ikompli jindirizza din il-problema lill-awtoritajiet kompetenti kull meta dan ikun possibli.

## *13. Aġġornament tal-Laqgħa*

16.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Dicembru 2016 fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7.30pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ____________________ |
| Francis Debono | Edward Spiteri Audibert |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

14 ta' Diċembru 2016